



Brussell, 8 ta' Awwissu 2019
(OR. en)

11630/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0164(NLE)

MAMA 124
MED 13
PA 1

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 361 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 361 final.

Mehmuż: COM(2019) 361 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.8.2019
COM(2019) 361 final

2019/0164 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-ftuħ gradwali ta' xi programmi u aġenziji tal-Unjoni Ewropea għall-pajjiżi sħab tal-PEV hija waħda minn bosta miżuri maħluqa biex jippromwovu r-riforma, il-modernizzazzjoni u t-tranżizzjoni fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea espandiet fuq dan fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Diċembru 2006 dwar l-approċċ ġenerali biex il-pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji¹.

Il-Kunsill approva dan l-approċċ fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Marzu 2007².

B'segwitu għal din il-Komunikazzjoni u l-konklużjonijiet tal-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill, fit-18 ta' Ġunju 2007, ħareġ direttivi lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim Qafas mal-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, l-Eġittu, il-Georgia, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Moldovja, il-Marokk, l-Awtorità tal-Palestina, it-Tuneżija u l-Ukrajna, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji³.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007⁴ afferma mill-ġdid l-importanza suprema tal-PEV u approva r-Rapport tal-Progress mill-Presidenza⁵ li kien ippreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill tat-18 u fid-19 ta' Ġunju 2007 kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill relatati⁶. Dan ir-rapport fakkar id-direttivi tal-Kunsill biex jiġu nnegozjati protokoll addizzjonali rilevanti.

Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar risposta ġdida għal Viċinat li qed jinbidel⁷, approvata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2011, enfazzzja aktar l-intenzjoni tal-UE li tiffaċilita l-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi sħab fil-programmi tal-UE.

Sal-lum ġew iffirmati protokoll simili mal-Alġerija⁸, l-Armenja⁹, l-Ażerbajġan¹⁰, il-Georgia¹¹, l-Iżrael¹², il-Ġordan¹³, il-Libanu¹⁴, il-Moldova¹⁵, il-Marokk¹⁶, it-Tuneżija¹⁷ u l-Ukrajna¹⁸, u qed jiġi diskuss Protokoll mal-Eġittu. F'Settembru 2018, waqt il-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Awtorità tal-Palestina, l-Awtorità Palestinjana esprimiet l-interess tagħha li tiffirma Protokoll għal Ftehim ta' Qafas għall-parteeċipazzjoni sħiħa potenzjali tagħha f'għadd ta' programmi magħżula tal-UE.

¹ COM(2006) 724 finali tal-4 ta' Diċembru 2006

² Il-konklużjonijiet tal-KAĠRE tal-5 ta' Marzu 2007

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (ristretta) li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja l-Protokoll [...], Dok 10412/07

⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza — Brussell, il-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, Dok 11177/07

⁵ Ir-Rapport tal-Presidenza dwar il-Progress rigward "It-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat", Dok 10874/07

⁶ Il-konklużjonijiet dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-18 ta' Ġunju 2007, Dok 11016/07

⁷ COM(2011) 303 finali tal-25 ta' Mejju 2011

⁸ ĠU L 14/2, tat-18.1.2017

⁹ ĠU L 174/1 tat-13.6.2014

¹⁰ ĠU L 199/1 tas-26.7.2016

¹¹ ĠU L 165/16 tal-4.6.2014

¹² ĠU L 129/39 tas-17.5.2008

¹³ ĠU L 89/6 tal-25.3.2014

¹⁴ ĠU L 202/3 tat-28.7.2016

¹⁵ ĠU L 131/1 tat-18.5.2011

¹⁶ ĠU L 90/1 tat-28.3.2012

¹⁷ ĠU L 297/1 tat-13.11.2015

¹⁸ ĠU L 133/1 tal-20.5.2011

L-oġġettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu lill-Awtorità Palestinjana li tipparteċipa f'ċerti programmi tal-UE. Il-qafas orizzontali stabbilit bil-Protokoll jistabbilixxi prinċipji għall-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika u jippermetti lill-Awtorità Palestinjana li tirċievi għajjnuna, b'mod partikolari għajjnuna finanzjarja, mill-Unjoni Ewropea skont il-programmi. Dan il-qafas japplika biss għal dawn il-programmi li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jipprovdu l-possibbiltà tal-parteeipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana. L-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għalhekk ma jinvolvox l-eżerċizzju tas-setgħat taħt id-diversi politiki settorjali, li huma eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, minnaħa l-oħra ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.

Il-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 laqa' l-proposti tal-Kummissjoni għall-PEV u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004.

Il-Kunsill, fil-5 ta' Marzu 2007, esprima appoġġ għall-approċċ ġenerali u globali deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2006 sabiex is-sħab tal-PEV jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u l-programmi Komunitarji fuq il-merti tagħhom u fejn hekk jippermettu l-bażijiet ġuridiċi.

B'segwitu għal din il-Komunikazzjoni u l-konklużjonijiet tal-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill, fit-18 ta' Ġunju 2007, ħareġ direttivi lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim Qafas ma' pajjiżi tal-PEV, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji¹⁹.

Il-bażi ġuridika sostantiva għall-konklużjoni tal-Protokoll hija l-Artikolu 209 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-bażi ġuridika proċedurali hija l-Artikolu 218(6)(a) u (7) tat-TFUE.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Awtorità Palestinjana għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea li jikkorrispondi għall-programmi speċifiċi li fihom tipparteċipa l-Awtorità Palestinjana.

It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteeipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana f'kull programm, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja, għandhom jiġu ddeterminati f'Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Awtorità Palestinjana abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati.

¹⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (ristretta) li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja l-Protokollu [...], Dok 10412/07

Kull Memorandum ta' Ftehim konkluż skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll, għandu jistipula, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, li l-kontroll finanzjarju, l-awditjar jew verifiki oħra, inklużi investigazzjonijiet amministrattivi se jitwettqu minn jew taħt l-awtorità tal-Kummissjoni, tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u tal-Qorti tal-Awdituri.

Se jiġu adottati dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontrolli u l-awditjar finanzjarju, il-miżuri amministrattivi, il-penali u l-irkupru li jippermettu lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u lill-Qorti tal-Awdituri li jingħataw setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew il-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u sussegwentement kull tliet snin, il-Partijiet jistgħu jirrevedu l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteciċipazzjoni effettiva tal-Awtorità Palestinjana fi programmi tal-Unjoni.

It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteciċipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana f'kull programm partikolari tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati f'Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Awtorità tal-Palestina abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni ("il-Protokoll") ġie iffirmat f'isem l-Unjoni fi ...
- (2) L-objettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu lill-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u tal-Medda ta' Gaża li tipparteċipa f'ċerti programmi tal-UE. Il-qafas orizzontali stabbilit bil-Protokoll jistabbilixxi l-prinċipji għal miżura ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika u jippermettu lir-Repubblika tal-Libanu tirċievi assistenza teknika, b'mod partikolari assistenza finanzjarja, mill-Unjoni Ewropea skont il-programmi tal-Unjoni Ewropea. Dan il-qafas japplika biss għal daww il-programmi tal-Unjoni li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jipprovdu għall-possibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana. Għalhekk, il-konklużjoni tal-Protokoll ma tinvolvi l-eżerċizzju tas-setgħat taħt id-diversi politiki settorjali mogħtija mill-programmi, li huma eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa

waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni huwa b'hekk approvat f'isem l-Unjoni²⁰.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, għan-notifika prevista fl-Artikolu 10 tal-Protokoll²¹, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta mill-Protokoll.

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija awtorizzata biex tistabbilixxi, f'isem l-Unjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill infurmat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

²⁰ Il-Protokoll ġie ppubblikat fi [ĠU ...] flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

²¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.